TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

George Galea

vs

Scan Computer - PC options Ltd.

CCT 106/17/MS

26 ta' Frar 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz ipprezentat mir-rikorrent fit-8 ta' Gunju 2017 fejn talab ir-rifuzjoni ta' €345.00, prezz ta' mobile mixtri minghand is-socjeta' intimata, liema mobile ma baqax jiffunzjona sew u s-socjeta' intimata irrifjutat li tbiddlu minkejja li kien taht garanzija.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata fejn dina cahdet it-talba tar-rikorrent bhala infondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex irrizulta illi l-mobile kien affett minn liquid contamination u dan ivvizzja (voided) l-garanzija u ghalhekk ma kienx kaz ta' tibdil.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi fit-18 ta' Mejju 2016, ir-rikorrent xtara telephone cellulari tal-marka LG G4 minghand is-socjeta' intimata ghas-somma ta' €345.00. Dan il-bejgh kien kopert b'sentejn garanzija.

Illi fit-8 ta' Jannar 2017 ic-cellulari waqaf jiffunzjona u ttiehed ghand is-socjeta' intimata ghat-tiswija. Ir-receptionist mal-ewwel avza lir-rikorrent illi jekk il-mobile ixxarrab kien ser ikollu jhallas hamsin Euro. Ir-rikorrent accertah li l-mobile ma xxarrabx. Il-mobile ntbaghat fl-esteru ghat-tiswija u gie lura bir-rizultat illi dan kien ixxarrab u t-tiswija kienet ser tiswa mitejn u hamsin Euro. Ir-rikorrent ma accettax u ipprezenta dawn il-proceduri.

Ikkunsidra

Illi s-socjeta' intimata filwaqt illi rrikonoxxiet il-bejgh tal-mobile u l-fatt illi gie ghandha ghat-tiswija, esebiet diversi ritratti u condition report minn ufficju Milan l-Italja, fejn wara ezami tekniku tal-mobile irrizulta "presenza di ossido infiltrazioni di acqua o liquidi". Gew esebiti ukoll ritratti minn fejn jidher "corrosion" f'certa partijiet ta' dan il-mobile.

Ikkunsidra

Illi biex ir-rikorrent ikollu success fil-kawza tieghu jrid jipprova almenu fuq bazi ta' probabbilita' illi dan il-mobile kellu hsara mhux imputabbli lilu nnifsu u cjoe' diffett latenti. Illi mil-provi li gew prodotti it-Tribunal jidhirlu li r-irkorrent ma lahaqx din il-grad ta' prova. L-unika prova li gab ir-rikorrent hija li xtara l-mobile u dan il-mobile waqaf bil-hsara. Min-naha l-ohra, l-intimat jew is-socjeta intimata, ukoll fuq bazi ta' probabbilta' trid tipprova illi l-hsara li kien hemm fuq il-mobile ma kenitx naxxenti minn xi diffett fil-manifattura. It-Tribunal jidhirlu illi s-socjeta' intimata lahqet dan il-grad ta' prova u ghalhekk il-versjoni taghha tisthoqq li tkun emmnuta. Mir-ritratti u d-dokumenti esebiti jidher car illi hemm element ta' corrosion f'partijiet ta' dan il-mobile u ghalhekk huwa ferm probabbli illi xi darba meta kien ghadu fil-pussess tar-rikorrent kien hemm xi liquid contamination. Dan jinnega l-garanzija peress illi huwa meqjus bhala "customer induced damage".

Ghalhekk it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrent.
Bl-ispejjes kontra tieghu.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru